MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 17/2005

Kawza fil-lista: 10

**A B**
**Vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-partijiet izzewwgu fil-21 ta' Settembru 1996 u minn din l-ghaqda twieled tifel; u

Premess illi ghal dan iz-zwieg il-konvenuta tat il-kunsens taghha ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali, jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt

ghal att taz-zwieg, izda ghamlet dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u

Premess illi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga taghha jew b' anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kolla tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-lista tax-xhieda;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg kkuntrattat minnu mal-konvenuta fil-21 ta' Settembru 1996 huwa null fil-ligi stante vizzju tal-kunsens matrimonjali tal-konvenuta fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Il-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu u hija propensa li taghti affidament ghall-versjoni ta' l-attur.

Mill-provi rrizulta li l-partijiet izzewwgu fil-21 ta' Settembru 1996 wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa 3 snin. Minn dan iz-zwieg twieled tifel fis-sena 2000. Tlett snin wara, il-partijiet isseparaw. Illum iz-zewg partijiet jghixu

ma' partners, u l-konvenuta ghandha zewgt it-tfal mis-sieheb taghha.

Il-Qorti wara li semghet lill-partijiet jiddeponu u ghamlet il-kostatazzjonijiet taghha, hija tal-fehma li jikkonfigura fil-konfront tal-konvenuta l-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d]. Mill-provi jirrizulta li, apparti minn nuqqas ta' dixxerniment serju da parti tal-konvenuta tar-responsabbilitajiet matrimonjali, kienet tezisti wkoll fiha mankanza serja ta' maturita' affettiva fil-konfront tal-konvenut.

In propositu jinsab ritenut fil-gurisprudenza li l-kuncett ta' maturita' affettiva li jimporta "generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero [immaturita' affettiva] e ponderato [immaturita' di gudizio]" *[Il Diritto Canonico Matrimoniale – Bersini; citat fil-kawza App.C. Raymond Theuma vs Carmen Theuma deciza 27 ta' Jannar 2006].*

Fil-kaz in disamina l-Qorti tosserva li l-mod kif il-konvenuta kienet titratta lill-attur, bil-konsegwenzjali glied bejniethom, jismaskera nuqqas serju ta' maturita' affettiva da parti taghha li rrendiet il-konvivenza pacifika bejniethom difficli, u eventwalment wasslet sabiex ghal zmien relevanti qabel is-separazzjoni il-partijiet kienu diga' birdu reciprokament; liema stat ta' fatt eventwalment wassal lill-istess partijiet ghar-relazzjonijiet extra matrimonjali.

Inoltre, din il-Qorti tirriskontra fl-imgieba tal-konvenuta dik l-immaturita' li torigina minn mankanza ta' dixxerniment dwar ir-responsabilitajiet taghha ta' mara mizzewwga sa tal-grad li jinsab sodisfatt ir-rekwizit tal-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-imsemmi Artikolu.
Dan premess u kkunsiderat il-Qorti hi tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255 u timmerita li tigi milqugha.

Illi rigward il-kap ta’ l-ispejjez, il-Qorti tosserva li mill-provi, u senjatament mill-affidavit u xhieda ta’ l-istess attur, jirrizulta li dana kien konxju tal-karattru u ta’ l-imgieba xejn rakkomandabbli tal-konvenuta minn qabel iz-zwieg, u cio’ nonostante, huwa xorta wahda ddecieda li jkompli ir-relazzjoni tieghu maghha u jizzewwigha, meta huwa kien ben konxju li l-komportament tal-konvenuta ma kienx wiehed konducenti ghall-hajja mizzewwga pacifika. Ghaldaqstant huwa ghandu jgorr parti mir-responsabbilita’ tas-sitwazzjoni li sabu ruhhom fiha l-partijiet; liema responsabbilita’ ghandha tigi riflessa fil-kap ta’ l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-21 ta’ Settembru 1996. L-ispejjes tar-registru ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet, filwaqt li l-kumplament ta’ l-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------